# APPREZZAMENT

## Mons. Edward Bondì Dalli

1914 - 2011



Nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2011 ħalliena Mons. Edward Bondì Dalli, l-ixjeħ saċerdot tad-Djoċesi ta' Għawdex, fl-età venerabbli ta' 97 sena. Hu miet fid-dar ta' Ġanġu u Ġolina Saliba, fi Triq Fortunato Mizzi, il-Belt Victoria, li kienu ilhom jieħdu ħsiebu għal dawn l-aħħar sittin sena.

Kont nippreferi kieku floki, fuq Dun Dward kiteb xi ħadd ta' l-età tiegħu jew qrib li jiftakru fis-snin iktar bikrin ta' ħajtu. Il-ftit tifkiriet li għandi tiegħu huma marbuta mal-Bażilika ta' San Ġorġ, fejn, sakemm tagħtu saħħtu, hu baqa' jagħti s-servizz assidwu tiegħu. Min jaf kemm għent miegħu l-quddiesa tas-12.40pm, li hu kien jiċċelebra kuljum matul il-ġimgħa fil-bażilika għall-benefiċċju tal-ħaddiema tal-Gvern li dak il-ħin kien ikollhom il-brejk kif ukoll għas-sidien tal-ħwienet. Din kienet saret quddiesa assoċjata miegħu. Il-lum naf li dan kien jagħmlu wkoll b'sagrifiċċju kbir personali, mhux biss għax kien ikun ħin l-ikel, imma wkoll għax hu kien joqgħod pjuttost 'il bogħod, u, fuq kollox, kien diġà mdaħħal fiż-żmien.

Edward Bondì twieled il-Belt Victoria, Għawdex, fid-19 ta' Marzu 1914, minn Luigi, spiżjar, u martu Maria Mercieca. Hu ġie mgħammed tlitt ijiem wara fil-Katidral ta' l-Assunta, u f'din l-istess knisja ġie ordnat saċerdot fil-31 ta' Lulju 1938. Ftit sibt iktar tagħrif fuq is-snin bikrija tas-saċerdozju tiegħu, iżda Mons. Karm Grech, li kien jafu sew, qalli li bħala saċerdot żagħżugħ Dun Dward kien ukoll jgħin fil-lezzjonijiet tal-Katekiżmu li Dun Pawl Micallef kien jagħti lit-tfal ta' l-Oratorju tiegħu fl-ewwel snin tat-twaqqif tiegħu.

Għal min, bħali, inzerta xi ftit dilettant tar-ritratti qodma ta' Għawdex, ma tistax taħrablu l-figura twila imma siekta ta' Mons. Edward Bondì Dalli maġenb l-Isqof Ġużeppi Pace waqt xi ċerimonja uffiċjali. Dan għax il-biċċa l-kbira tal-ministeru saċerdotali tiegħu Dun Dward qattagħha f'servizz dedikat lill-Knisja qrib żewġ isqfijiet tagħha f'Għawdex. Hu kien għal xi żmien Kappillan ta' l-Isqof Mikiel Gonzi, u mbagħad ta' l-Isqof Pace tul l-episkopat kollu tiegħu. Iktar minn sempliċi 'kappillan' tiegħu, nistgħu ngħidu li hu kien is-segretarju privat tiegħu u ma kien iħallih imur waħdu mkien. Jekk ridt tasal għand l-Isqof Pace, kellek tgħaddi minn għand Dun Dward. Interessanti nżidu wkoll li l-istess Palazz ta' l-Isqof fi Triq ir-Repubblika kien oriġinarjament propjetà ta' l-antenati ta' Dun Dward: il-Familja Bondì kienet waħda mill-familji aristokratiċi ta' Għawdex.

B'rikonoxximent għas-servizz kbir tiegħu, Dun Dward kien ġie mżejjen bit-titlu ta' Kamrier Sigriet tal-Qdusija Tiegħu, u iktar tard ġie maħtur ukoll monsinjur onorarju tal-Katidral ta' Għawdex. Minkejja l-esperjenza kbira tiegħu fiċ-ċrieki ta' l-awtorità ekkleżjastika, hu dejjem baqa' bniedem umli, rispettuż u bla ebda pretensjoni żejda. L-iktar li kienet tolqotni fih kienet it-tbissima u s-sens ta' umoriżmu li kellu; niftakru sew jiċċajta magħna t-tfal u l-abbatini fis-sagristija ta' San Ġorġ. Minkejja d-difett li kellu fis-smigħ, hu kien kapaċi jisimgħek b'modi oħra, fost l-oħrajn billi jaqra minn fuq xofftejk dak li tkun trid tgħidlu. Barra minn hekk, minkejja tant snin jiġri ma' l-Isqof, Dun Dward baqa' jgħożż l-ambjent agrikolu li kien tassew għal qalbu u li kien iħossu jlaqqgħu mal-Ħallieq. L-għalqa kienet dejjem f'moħħu u kien iqatta' ħafna ħin jgħarrex fiha!

Il-funeral ta' Mons. Edward Bondì Dalli sar nhar l-Erbgħa 24 ta' Awwissu 2011, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria, u tmexxa mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech. Għall-Quddiesa attendew bosta li kienu jafuh, fosthom il-President Emeritu ta' Malta Dr Edward Fenech Adami.

Għalija Mons Edward Bondì Dalli, li f'Lulju li għadda għalaq 73 sena jqaddes, hu mudell sabiħ ta' saċerdozju mħaddan f'servizz sħiħ lejn il-Knisja. Nitolbu lill-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

***Francesco Pio Attard***